# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Lulju 2023**

**<u>Rikors nru : 335/2023 AGV ;</u>**

C sive Ch. M u M M

-vs-

X

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors kongunt ta' C sive Ch. M, u MM .**

Jesponu bir-rispett u bil-<u>gurament taghhom jikkonfermaw</u>:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax ta’ Novembru tas-sena elfejn (18/11/2000) u dan kif jidher mic-certifikat taz-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok ‘A’

2. Illi l-esponenti sseparaw legalment minn ma’xulxin permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Roderick Caruana datat l-ewwel (1) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (01/03/2023) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘B’;

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom wild li jisima NM u dan kif jidher mic certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala ‘Dok C’;

4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal iktar minn sena’ (1) matul l-ahhar hames snin precedenti dan l-umli rikors u ghalhekk jissodifaw il-kriterja tal-Artikolu 66B;

5. Illi dwar il-manteniment l-esponenti kienu irrinunzjaw ghad-dritt tagħhom għal manteniment, filwaqt illi l-esponenti obbligaw ruħom li jħallsu manteniment fis-somma ta’tliett mitt ewro (€300) fix xahar kull wieħed għal minuri N hekk kif ndikat fi klawżola numru 5 tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni,

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registartur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Onorabbli Qorti, jazva lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 18 ta' Novembru 2000.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**